MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 333/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**vs**

**Brincat Kevin**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, sitt mija u sebgha u tletin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€4,637.74), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut minn Brincat Kevin lil *Mobisle Communications Limited* in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess *Mobisle Communications Limited* fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009, u dana in segwitu ta, u skond *Client Contract No. 424751*, liema kuntratt huwa ffirmat minn Brincat Kevin;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju tas-sena 2009, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet kontra l-intimat illi huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrenti sabiex l- intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fis-27 ta' Jannar tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lil- intimat Kevin Brincat ihallas is-somma ta' erbat elef, sitt mija u sebgha u tletin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€4,637.74) lis-socjeta` rikorrenti *Mobisle Communications Limited*;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra l-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------